# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(Aġent President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 16 ta' Novembru, 2023.**

**Numru 2**

**Rikors numru 92/22/1 AF**

**Lineker David Micallef**
**Marco Micallef**
**Mavis Micallef**

**v.**

**Direttorat Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ)**
**L-Avukat tal-Istat**

1. Din is-sentenza hi dwar l-appell tar-rikorrenti minn sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fl-14 ta' Diċembru 2022 ["is-sentenza appellata"] li biha l-Ewwel Qorti laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat li mhuwiex leġittimu kontradittur u lliberatu mill-osservanza tal-ġudizzju, u laqgħet it-tlettax-il eċċezzjoni tal-konvenuta l-oħra li r-

rikorrenti m'eżawrewx ir-rimedji ordinarji li kellhom a dispożizzjoni tagħhom.

**Preliminari**

2. Bil-kawża r-rikorrenti jilmentaw minn ksur tad-dritt tagħhom għal smigħ xieraq u kif ukoll tad-dritt għar-rispett tal-familja b'rabta ma' ħruġ ta' ordni ta' ħarsien fil-konfront tal-minuri Lincoln Briffa li twieled fil-11 ta' Ottubru 2017. Fir-rikors promotur, ir-rikorrent qal li hu missier il-minuri. Fatt li ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwaru. Ir-rikorrenti l-oħra, Marco u Mavis konjuġi Micallef huma n-nanniet paterni tal-minuri.

3. Skont ma ġie ddikjarat mid-Direttorat intimat[1] fit-tweġiba (fol. 17 et seq.), il-fatti li ppreċedew l-proċeduri odjerni huma s-segwenti:

3.1. Meta twieled it-tifel, is-servizzi tal-ħarsien tat-tfal kienu tkellmu mal-ġenituri u man-nanniet tiegħu dwar il-possibilità ta' ordni għall-ħarsien għalih kemm il-darba ma jiġix indirizzat ċertu tħassib li kellhom;

[1] Ħadd mill-partijiet ma ħass il-ħtieġa jeżebixxi kopja tal-Ordni ta' Ħarsien u l-atti tal-proċeduri sussegwenti quddiem il-Qrati u Bordijiet varji. Billi dawn m'humiex pubblikament aċċessibbli l-Qorti m' hijiex f'pożizzjoni tivverifika l-veraċità jew l-eżattezza ta' dawn il-fatti

3.2. L-ewwel għażla tas-servizzi tal-ħarsien tat-tfal kienet li jidħlu f'kuntratt soċjali man-nanniet paterni sabiex il-minuri jitrabba minnhom. Madanakollu, dan ma kienx possibbli għaliex in-nanniet paterni kisru l-kuntratt soċjali;

3.3. Fl-1 ta' Frar tal-2018, bis-saħħa tal-Artikolu 4 tal-Att dwar Tfal u Żgħażagħ (Ordnijiet għall-Ħarsien) (Kap. 285), inħarġet ordni ta' ħarsien u t-tifel tpoġġa ġo *foster placement*;

3.4. Saret oġġezzjoni iżda l-Qorti tal-Minorenni kkonfermat l-ordni. Mill-atti ma jirriżultawx dati dwar meta seħħ dan;

3.5. Xi żmien wara l-każ ġie rivedut mill-Bord Konsultattiv għat-Tfal u Żgħażagħ;

3.6. F'Lulju 2018 saret laqgħa flimkien mal-ġenituri u n-nanniet paterni tal-minuri sabiex jiġi diskuss il-futur tal-minuri peress li l-ġenituri kellhom piena ta' tliet snin priġunerija x'jiskontaw. Kien ġie maqbul illi jkun hemm aċċess għat-tifel taħt superviżjoni ġewwa l-ħabs;

3.7. F'Marzu 2019 in-nanniet paterni kienu għamlu t-taħriġ neċessarju sabiex isiru *foster carers* iżda ma kinux ġew approvati mill-Bord tal-*Fostering*. Minn dik id-deċiżjoni daħħlu oġġezzjoni

quddiem l-istess Bord minflok quddiem il-Qorti kompetenti u għalhekk ma kinitx saret reviżjoni tad-deċiżjoni tal-Bord;

3.8. F'Mejju 2019 ir-rikorrenti ippreżentaw rikors fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) u talbu li jingħataw il-kura u kustodja tat-tifel. B'digriet mogħti f'Novembru 2019 il-Qorti laqgħet it-talba. Fir-rikors ma kienx issemma li hemm Ordni għall-Ħarsien tal-minuri;

3.9. Fis-7 ta' Awwissu 2020 il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) irrevokat id-digriet li ngħata f'Novembru 2019;

3.10. Sa frattant, fl-1 ta' Lulju 2020 daħal parzjalment fis-seħħ l-Att Nru XXIII tal-2019, li *inter alia* ħassar il-Kap. 285 mingħajr preġudizzju għal dak kollu li sar jew naqas milli jsir taħtu. Permezz tal-istess Att, daħal minflok fis-seħħ l-Att tal-2019 dwar il-Protezzjoni tal-Minuri (Ħarsien Alternattiv) ["Kap. 602"] salv għall-Artikoli 9(2), (3), (4), 15 u 26 sa 30;

3.11. Xi żmien wara, b'applikazzjoni tal-Artikolu 33(6) tal-Kap. 602, il-Bord ta' Reviżjoni ried jistabbilixxi jekk il-minuri għandux jingħata permanenza fil-*placement* li jinsab fih jew jekk hemmx possibiltà ta' reintegrazzjoni. Waqt is-sessjoni tat-28 ta' Ottubru 2021, id-Direttorat intimat ressaq il-pjan tiegħu sabiex il-minuri jibqa' f'kura alternattiva iżda jkun hemm kollaborazzjoni ikbar bejn

il-*foster carers* u n-nanniet paterni sabiex ikun hemm aċċess aktar ampju. Wara li sema' lir-rikorrenti, il-Bord dderiġa d-Direttorat intimat iressaq ir-rakkomandazzjoni finali tiegħu sa April 2022;

3.12. F'Jannar 2022 ir-rikorrenti talbu l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex id-Direttorat intimat jitwaqqaf milli jipproċedi bl-assessjar tiegħu u l-minuri jitwaqqaf milli jiġi rilaxxat għall-adozzjoni. It-talba kienet miċħuda b'digriet li ngħata *in camera* fit-2 ta' Frar 2022.

4. B'rikors maħluf ippreżentat fit-18 ta' Frar 2022 ir-rikorrenti fetħu l-kawża fejn allegaw li:

4.1. Dakinhar tas-smigħ tal-oġġezzjoni għall-ordni ta' ħarsien ma tħallewx jidħlu fl-awla quddiem il-Qorti tal-Minorenni, u dan bi ksur tad-dritt tagħhom għal smigħ xieraq u *audi alteram partem*;

4.2. Sakemm daħal fis-seħħ il-Kap. 602, il-Bord Konsultattiv dwar it-Tfal u Żagħżagħ (Ordnijiet għall-Ħarsien) qatt ma għamel *reviews* tal-*care plan* tal-minuri u dan bi skop li jaġevola l-*foster parents* sabiex jaddottaw il-minuri bi ksur tad-dritt tagħhom għall-familja. Dan bi ksur tal-Art. 8(1) tal-

Konvenzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ('il-Konvenzjoni').

4.3. Hemm ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 6(1) u Art. 13 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Liberatjiet Fundamentali peress li taħt il-Kap. 258, ladarba tinħareġ ordni għal ħarsien, m'hemmx mezz sabiex tiġi mistħarrġa dik id-deċiżjoni minn qorti imparzjali u indipendenti u kollox jaqa' fid-diskrezzjoni tal-Ministru li jkun ħareġ dik l-ordni.

4.4. Ordnijiet ta' ħarsien jibqgħu fis-seħħ sakemm minuri jagħlaq tmintax-il sena jew sakemm l-awtorità hi tal-fehma li għandhom jitneħħew. Ir-rikorrenti m'għandhomx mezz biex jitolbu reviżjoni tal-ordni ta' ħarsien. Dan bi ksur tal-Art. 8 tal-Konvenzjoni.

4.5. Il-proċedura ta' reviżjoni wkoll jekk issir skont il-liġi, mhux bilfors tissodisfa Art. 8 tal-Kovnenzjoni. Hi proċedura li tagħti diskrezzjoni assoluta lill-awtoritajiet u nieqsa minn *foreseeability*.

5. Għalhekk talbu lill-Qorti sabiex:

> *"1. Tiddeciedi u tiddikjara illi r-rikorrenti soffrew ksur tal-jeddijiet taghhom hekk kif gie vjolat id-dritt ghas-smigh xieraq hekk kif sancit taht l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta sanciti taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Liberitajiet tal-Bniedem.*
>
> *2. Taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq tad-dritt xieraq tar-rikkorrenti inkluz li tannulla l-procediment intier li wassal ghall-Ordnijiet ta' Harsien u l-istess Ordnijiet fil-konfront tal-minuri Lincoln Micallef u dan taht il-provedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportuni.*
>
> *3. Tiddeciedi u tiddikjara illi r-rikorrenti soffrew ksur tal-jeddijiet taghhom hekk kif sanciti that l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja.*
>
> *4. Taghti kull rimedju effettiv ghall-vjolazzjonijiet lamentati inkluz skont ic-cirkostanzi tal-kaz, ir-rexissjoni tal-Ordnijiet ghal-Harsien imsemmija.*
>
> *5. Tikkumpensa lir-rikorrenti kollha jew min minnhom ai termini tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea.*
>
> *6. Taghti kull rimedju iehor effettiv fosthom li tirritorna lill-minuri Lincoln Micallef fil-kura tar-rikkorrenti fl-interess suprem tal-minuri b'dawk il-kondizzjonijiet kollha li jidhrilha xierqa fic-cirkostanzi.*
>
> *Bl-ispejjez kontra l-intimati, li minn issa huma ingunti in subizzjoni."*

6. Permezz ta' risposta maħlufa ppreżentata f'dawn il-proċduri fil-5 ta' Mejju 2022[2], l-intimat Avukat tal-Istat wieġeb *inter alia* li ġie mħarrek bla bżonn għaliex ir-rikorrenti mhumiex jimpunjaw disposizzjoni ta' liġi. Għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

7. Permezz ta' risposta ippreżentata fl-10 ta' Mejju 2022[3], id-Direttorat intimat wieġeb *inter alia* illi r-rikorrenti ma utilizzawx ir-rimedji ordinarji li kienu spettanti lilhom a tenur tal-Artikolu 4(5) tal-Kap. 285, għal

---

[2] Fol. 13
[3] Fol. 17

reviżjoni tal-ordni, u lanqas dak tal-Artikolu 13(6) tal-Kap. 602 għat-tħassir, revoka jew tibdil tad-deċiżjoni dwar il-pjan tal-kura. Iżid ukoll li meta Bord ta' Reviżjoni jiddeċiedi jekk il-minuri għandux jibqa' fil-*placement* kurrenti tiegħu jew le, tista' ssir talba għal reviżjoni lill-Qorti tal-Minorenni *a tenur* tal-Artikolu 33(9) tal-Kap. 602. Inoltre, l-Artikolu 66 tal-Kap. 602 jagħti dritt ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Inferjuri).

8. Fl-ewwel udjenza tal-11 ta' Mejju 2022[4] dawn il-proċeduri tħallew għall-provi u għat-trattazzjoni dwar l-eċċezzjonijiet preliminari tal-partijiet.

9. B'sentenza mogħtija fl-14 ta' Diċembru 2022, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet billi:

> *"1. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat u waqt illi tiddikjara li mhuwiex leġittimu kuntradittur għat-talbiet tar-rikorrenti, tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju.*
>
> *2. Tastjeni għalhekk milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tal-eċċezzjonijiet sollevati mill-intimat Avukat tal-Istat.*
>
> *3. Tilqa' l-eċċeżżjoni numru 13 kif sollevata mill-intimat Direttorat Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) u tiddikjara li r-rikorrenti m'eżawrewx ir-rimedji ordinarji disponibbli fil-liġi. Konsegwentement, ai termini tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni, il-Qorti qegħda tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha.*
>
> *4. Tordna lir-rikorrenti jħallas l-ispejjeż konnessi ma' dawn il-proċeduri."*

10. Il-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti kienu prinċipalment is-segwenti:

---

[4] Fol. 16

*"Erbgħa huma l-eċċezzjonijiet preliminari li jridu jiġi trattati u deċiżi permezz ta' din is-sentenza. Il-Qorti sejra tgħaddi minnufih sabiex tittratta dawn l-eċċezzjonijiet waħda waħda.*

***Leġittimu Kontradittur***

*L-Avukat tal-Istat eċċepixxa illi ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kap mhuwiex leġittimu kuntradittur għat-talbiet attriċi. Jibbaża din l-eċċezzjoni fuq żewġ fatturi: i. li l-aġir lamentat mhuwiex attribwibbli għal xi egħmil magħmul mill-Avukat tal-Istat; ii. Permezz ta' din il-proċedura r-rikorrenti mhumiex jattakkaw xi disposizzjoni tal-liġi.*

*L-ilment tar-rikorrenti huwa marbut mal-ħruġ ta' ordni ta' ħarsien liema ordni ħarġet fit-termini tal-Artikolu 4 tal-Kap 285 tal-Liġijiet ta' Malta, intitolat Att Dwar Tfal u Żgħażagħ (Ordnijiet għall-Ħarsien) liema disposizzjoni tagħti lill-Ministru responsabbli għall-għajuna soċjali is-setgħa li joħroġ tali ordni wara li jkun irċieva rakkomandazzjoni mill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni tal-Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali u wara li jkunu nstemgħu il-fehmiet tal-ġenituri jew kustodji tal-minuri kkonċernat.*

*Minn qari tal-imsemmija disposizzjoni jidher car li l-Avukat Ġenerali m'għandu assolutament ebda rwol jew involviment fil-proċess illi jwassal għall-ħruġ ta' ordni ta' ħarsien għalhekk, l-Avukat tal-Istat ma jistax jiġi attribwit xi ħtija għal għemil li ma kienx parteċipi fih.*

*Għal dak illi jirrigwarda min huwa leġittimu kontradittur f'kawżi kostituzzjonali l-Artikolu 181B tal-Kodiċi ta' Organiżazzjoni u Proċedura Ċivili jgħd bl-aktar mod ċar:*

*"181B. (1) Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni."*

*...*

*Fil-każ ta' llum il-Gvern huwa suffiċjentement rappreżentat mid-Direttorat Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) li huwa d-direttorat inkarigat mill-materja in kwistjoni. Għalhekk, u għar-raġuni li l-egħmil lamentat m'għandu ebda ness mal-Avukat tal-Istat, il-Qorti ssib illi ma kien hemm ebda ħtieġa illi jiġi mħarrek anki l-Avukat tal-Istat li għaldaqstant għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.*

*Stabbilit illi l-Avukat tal-Istat mhuwiex leġittimu kontradittur għat-talbiet tar-rikorrenti, il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tal-eċċezzjonijiet minnu sollevati li għalhekk jibqgħu impreġudikati.*

***Rimedji Ordinarji***

*Jifdal li tiġi trattata l-eċċezzjoni tad-Direttorat intimat li r-rikorrenti rrikorrew għal dawn il-proċeduri mingħajr ma eżawrew ir-rimedji ordinarji disponibbli fit-termini tal-Artikolu 4 tal-Kap 285 u l-Artikoli 33(1) u 66(1) tal-Kap 602 intitolat Att Dwar il-Protezzjoni tal-Minuri (Ħarsien Alternattiv).*

*Id-Direttorat intimat irrespinġa l-allegazzjoni li r-rikorrenti ġarrbu jew għadhom qegħdin iġarrbu leżjoni tad-drittijiet fondamentali tagħhom. Jipproponi l-argument illi l-liġi stess, permezz tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 285 u dawk tal-Kap. 602 tagħti rimedji ta' revizjoni u monitoraġġ regolari u li b'hekk allura hemm garanzija suffiċjenti għaż-żamma ta' bilanċ bejn l-interessi tal-minuri u tal-ġenituri tagħhom.*

*Dik il-parti tal-Artikolu 4 tal-Kap 285 li għandha rilevanza għall-eċċezzjoni in diżamina taqra hekk:*

> *"2) Kopja ta' kull ordni magħmul mill-Ministru taħt is-subartikolu (1) għandha tintbagħat minnufih b'ittra reġistrata lill-persuna li tkun qed teżerċita s-setgħa ta' missier fuq it-tifel jew iż-żagħżugħ, jew lill-kustodju tiegħu, jekk ikun hemm, li jkun mitlubjesprimi lill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni tal-Awtorità ta Standardsta' Ħarsien Soċjali fi żmien wieħed u għoxrin jum mid-data li fiha jkun irċieva l-imsemmija ittra, jekk joġġezzjonax għall-imsemmi ordni."*

*Is-subinċiż (3) tal-istess dispożizzjoni jipprovdi i l-oġġezzjoni fit-termini tal-Artikolu 4(2) tista' ssir anki verbalment.*

*Artikolu 33(1) tal-Kap 602 jipprovdi hekk:*

> *"33.(1) L-ewwel reviżjoni tal-pjan ta' ħarsien għandha ssir quddiem il-Bord ta' Reviżjoni mhux aktar tard minn erba' xhur mid-data tal-ordni għall-protezzjoni tal-minuri, u kull reviżjoni sussegwenti għandha ssir mill-inqas darba kull sitt xhur:*
>
> *Iżda l-ħaddiem soċjali ewlieni jew it-tutur u, jew kuratur tal-minuri, skont il-każ, jista' jressaq talba b'urġenza lill-Bord ta' Reviżjoni sabiex jirrevedi l-każ qabel jagħlaq il-perjodu ta' sitt (6) xhur u dan minħabba li l-minuri ikun qed isofri, jew qiegħed f'periklu li jsofri, ħsara sinifikanti fit-tqegħid taħt ħarsien jew bħala riżultat tal-pjan ta' ħarsien:*
>
> *Iżda wkoll, f'kull każ, il-Bord ta' Reviżjoni għandu jappunta t-talba għas-smigħ mhux aktar tard minn ħamest ijiem utili mill-preżentata tat-talba, u għandu, wara li jisma' l-partijiet involuti, jagħti d-deċiżjoni fuq it-talba b'urġenza."*

*L-Artikolu 66(1) tal-Kap 602 jaqra hekk:*

> *"66.(1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, kull parti fi proċedimenti taħt dan l-Att li tħoss ruħha aggravata minn deċiżjoni tista' tappella billi tippreżenta rikors quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) kostitwita skont l-artikolu 41(9) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:*

> *Iżda għall-għanijiet ta' dan l-artikolu l-minuri għandu wkoll jitqies parti aggravata, kif jista' jiġi rappreżentat mill-Avukat tat-Tfal assenjat lilu:*
>
> *Iżda wkoll id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw meta l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi deċiżjoni partikolari ma ġiex eżawrit skont dan l-Att."*

*Il-Qorti tifhem illi l-ilment tar-rikorrenti jikkonċerna li huma preklużi milli jikkontestaw l-ordni ta' ħarsien stante l-fatt illi fil-fehma tar-rikorrenti l-liġi ma tipprovdix proċedura għal dan l-iskop.*

*...*

*In vista tad-deċiżjonijiet tal-Qrati Maltin u dawk tal-Qorti Ewropea dwar il-materja in diżamina, gew introdotti emendi biex jindirizzaw dawk in-nuqqasijiet. L-Att XXXIII li daħal fis-seħħ permezz tal-Avviż Legali 585 tal-2014, introduċa is-subinċiż (5) li esenzjalment huwa emenda li biha ġew indirizzat xi nuqqasijiet fil-liġi billi ġie maħsub u mwettaq mekkaniżmu legali għal reviżjoni ta' ordnijiet ta' ħarsien. Id-disposizzjoni tipprovdi illi:*

> *"(5) Jekk il-Qorti tal-Minorenni tikkonferma li l-ordni saret taħt is-subartikolu (1), il-persuna msemmija fl-imsemmi subartikolu tista', wara erba' xhur wara dik il-konferma, titlob lill-Qorti tal-Minorenni biex tirrevedi l-ordni. Dik it-talba għandha ssir permezz ta' ittra reġistrata lil-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni tal-Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali. L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni tal-Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali għandu, mhux iżjed minn sebat ijiem mid-data tal-wasla ta' dik l-ittra, jirreferi l-każ lill-Qorti tal-Minorenni bl-istess mod hekk kif preskritt bir-regolamenti magħmulin taħt l-artikolu 13, b'dan illi dik il-Qorti għandha tiddeċiedi dwar dik ir-referenza fi żmien wieħed u għoxrin ġurnata minn meta saret dik ir-referenza."*

*In vista tal-introduzzjoni ta' din l-emenda fil-liġi fis-sentenza tagħha tal-31 ta' Jannar 2019 fl-ismijiet Geoffrey Mizzi et vs Il-Ministru Għall-Familja u Solidarjeta' Soċjali et il-Qorti Kostituzzjonali ddikjarat illi:*

> *"... l-emenda fil-ligi li giet ippromulgata permezz tal-imsemmi Att promulgat fl-14 ta' Awwissu, 2014 u li gie fis-sehh fil-15 ta' Ottubru tal-istess sena, indirizzat in-nuqqas ta' access ghal sistema gudizzjarja li kienet toffri access ghal talba ghal revizjoni ta' ordni ghall-harsien, setghet biss twaqqaf l-istat ta' ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti Mizzi, izda mhux thassru. Issa pero` ghandhom rimedju konsistenti fi dritt moghti bil-ligi li jikkontestaw dik l-ordni bis-sahha tal-emenda fuq indikata."*

*Fil-każ tal-lum it-talba tar-rikorrenti tirrigwarda allegat ksur tad-drittijiet fundamentali kif imħarsa taħt l-Atikolu 6, 8 u 13 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni minn dak inhar tal-ħruġ tal-ordni ta' ħarsien sa llum stante illi dik l-ordni għadha fis-seħħ. Il-Qorti tqis illi l-ilment tar-rikorrenti li m'għandhomx rimedju effettiv sabiex jattakkaw il-validità u ż-żamma fis-seħħ ta' dik l-ordni ta' ħarsien m'għandux mis-*

*sewwa. L-ordni ta' ħarsien mertu ta' dawn il-proċeduri ħarġet fl-1 ta' Frar 2018 waqt illi l-proċeduri odjerni ġew istitwiti b'rikors tat-18 ta' Frar 2022 u allura snin wara li daħal fis-seħħ is-subinċiż (5) tal-Artikolu 4 tal-Kap 285. Il-Qorti tqis għalhekk illi l-ilment tar-rikorrenti mhuwiex ġustifikat għaliex jekk kemm il-darba dawn qegħdin iħossuhom aggravati bil-ħruġ tal-ordni ta' ħarsien u biż-żamma tagħha fis-seħħ, il-liġi tipprovdilhom mekkanizmu u allura rimedju effettiv kif jistgħu jattakkaw dik l-ordni. Il-Qorti tirribadixxi illi l-proċess kostituzzjonali huwa wieħed speċjali fin-natura tiegħu u m'għandux jiġi abbużat jew sfruttat kapriċċożament.*

*...*

*Jirriżulta illi għajr għall-oġġezzjoni li r-rikorrenti rreġistraw inizjalment meta ħarġet l-ordni ta' ħarsien, ir-rikorrenti qatt ma ħadu passi ulterjuri sabiex jattakkaw jew jirrevedu dik l-ordni. Il-Qorti hija tal-impressjoni illi r-rikorrenti fil-fatt mhumiex familjari mal-Artikolu 4(5) tal-Kap. 285 tant illi fil-paragrafu numru 12 tar-rikors promotur jisħqu u jinsistu li "l-liġi tagħna ma holqitx procedura gudizzjarja, oltre l-ewwel revizjoni li tista' tintalab biex issir mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti tal-Minorenni, sabiex jigi attakkat l-ordni ghall-harsien jew sabiex issir revizjoni dwar iz-zamma fis-sehh ta' dik l-ordni ghall-harsien. Minflok, tali revizjoni tista' ssir biss fuq diskrezzjoni tal-Ministru li jkun hareg l-Ordni u mill-organi interni fi hdan l-istess Ministru." Jgħidu għalhekk illi huma pprivati minn sistema ġudizzjarja li toffri smiegħ xieraq.*

*Applikat dan it-tagħlim għall-każ in diżamina, il-Qorti ssib illi r-rimedju ordinarju disponibbli għar-rikorrenti huwa wieħed effettiv sabiex jindirizza l-ilment tiegħu. Tqis għalhekk illi f'dan il-każ partikolari l-Qorti m'għandiex teżerċita s-setgħat tagħha kif adita."*

11. B'rikors ippreżentat fit-3 ta' Jannar 2023, ir-rikorrenti appellaw mis-sentenza u talbu lil din il-Qorti sabiex:

> *"tirrevoka u tħassar is-sentenza tal-Qorti Ċivili (Prim' Awla – Sede Kostituzzjonali) tal-14 ta' Diċembru 2022 ... u tordna l-prosegwiment tal-kawża b' dan illi tkompli teżerċita s-setgħat tagħha*
>
> *Salv kull ordni u provvediment ieħor illi dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq u opportun*
>
> *Spejjeż kollha kontra l-intimat"*

12. L-intimati wieġbu li s-sentenza appellata hi ġusta u timmerita konferma u taw ir-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell tar-rikorrenti.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

<u>L-ewwel aggravju</u>.

13. Ir-rikorrenti jilmentaw minn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti ddikjarat li r-rikorrenti m'eżawrewx ir-rimedji ordinarji u rrifjutat milli tkompli tqis ir-rikors.

14. Ir-rikorrenti jsostnu illi l-ordni għal ħarsien ħareġ fi Frar 2018 fi żmien meta kien japplika l-Att dwar Tfal u Żgħażagħ (Ordnijiet għall-Ħarsien) (Kap. 285). Għamlu referenza għas-sentenza tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem [QEDB] fil-każ ta' <u>M. D. and Others v. Malta</u> li rreferiet għall-każ ta' <u>Marianne Decelis v. AG</u> (Rik. Kost. 20/2007), sabiex isostnu t-teżi li wkoll f'dan il-każ kienu leżi d-drittijiet fundamentali tagħhom għal aċċess għal Qorti sabiex jimpunjaw jew jitolbu r-revoka għal bdil tal-ordni tal-ħarsien maħruġ fuq il-minuri. Isostnu mbagħad li r-rimedju allegat mid-Direttorat intimat skont l-Artikolu 33(1) tal-Kap. 602 ma kienx aċċessibbli għalihom għaliex:

*“12..... r-reviżjoni mhux qed issir mill-inqas darba kull sitt xhur u lanqas ma saret taħt il-Kap. 285, tant hu hekk li fil-provi ta’ l-istess eċċezzjoni ma nġabet l-ebda prova dwar l-istess u lanqas ma ppruvaw id-dispożizzjoni minnhom ċitati permezz tal-AL 585 tal-2014.*

*13. Illi madanakollu qatt ma nġabet l-aħjar prova dwar l-eċċezzjoni tad-Direttorat stante li kif relevaw fix-xhieda tagħhom, ma kellhomx aċċess għad-dokumenti.*

*...*

*16. ... illi fil-kawża de quo r-rikorrenti għamlu minn kollox sabiex jirrevedu l-Ordni tal-Ħarsien u kemm-il darba ppruvaw ukoll jitkellmu mal-Ministru u għadhom sal-ġurnata tal-lum imma dan kien għal xejn. Min-naħa l-oħra l-intimati jgħixu li r-rimedji joħorġu mil-liġi iżda r-rikorrenti umilment jħossu li f’ dan l-istadju huwa wisq kmieni biex wieħed jaqtagħha li l-proċedura indikata mill-intimati huwa waħda effettiva u disponibbli għalihom. Dan qed jingħad ukoll stante li ma tressqu l-ebda provi imqar dokumentali dwar iċ-ċirkostanzi tal-każ u rilevanti għal dan l-istadju bikri tal-kawża.*

*17. Illi huwa nġust li l-Onorabbli Qorti toqgħod biss fuq dak sottomess mill-intimat u għalhekk għandha xxaqleb lejn l-għażla li teżerċita dawk is-setgħat kostituzzjonali tagħha ...*

*...*

*19. ... sakemm il-leġislatur ma jfassalx sistema li bih persuni bħar-rikorrenti milqutin b’tali ordni dwar uliedhom ma jkollhomx mod kif jitolbu l-intervent ta qorti ndipendenti u imparzjali għad-determinazzjoni ta’ xi jedd ċivili jew obbligazzjoni tagħhom, qegħdin ikunu mċaħħdin minn rimedju effettiv.”*

15. Id-Direttorat appellat wieġeb:

15.1. li r-rikorrenti ma talbux reviżjoni tal-ordni tal-ħarsien wara erba’ xhur mill-konferma tal-istess mill-Qorti tal-Minorenni, rimedju li huma kellhom a tenur tal-Artikolu 4(5) tal-Kap. 285 kif fis-seħħ fiż-żmien in kwistjoni;

15.2. li wara d-dħul fis-seħħ tal-Kap. 602, ir-rikorrenti lanqas ma għamlu talba għat-tħassir, revoka jew bidla fid-deċiżjoni relatata mal-pjan ta' kura a tenur tal-Artikolu 13(6) ta' dik il-liġi;

15.3. li d-Direttorat segwa lill-minuri mill-qrib u żamm diversi laqgħat ta' reviżjoni fosthom fil-21 ta' Ġunju 2018, fil-25 ta' Lulju 2018, fis-27 ta' Marzu 2019, fil-11 ta' Lulju 2019, fid-9 ta' Marzu 2021 u fl-14 ta' Ottubru 2021 liema laqgħat ir-rikorrent missier kien mistieden għalihom u dejjem naqas milli jattendi; u

15.4. li d-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni dwar jekk il-minuri għandux jibqa' fil-*placement* kurrenti għadha pendenti u wara li din tittieħed tista' ssir talba għal reviżjoni lill-Qorti tal-Minorenni a tenur tal-Artikolu 33(9) tal-Kap. 602 u mid-deċiżjoni ta' dik il-Qorti hemm appell lill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) a tenur tal-Artikolu 66 tal-istess Kap.

16. Pożizzjoni li l-Avukat tal-Istat qabel magħha fit-tweġiba rispettiva tiegħu.

17. Bħala provi l-Ewwel Qorti kellha biss rapport tad-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal datat 25 ta' Mejju 2022 u xhieda li tat Remenda Grech,

Direttur fid-Direttorat tal-Kura Alternattiva. Kariga li qalet li ilha tokkupa mis-sena 2020 u qalet ukoll li ma kinitx involuta fil-każ qabel daħal fis-seħħ l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Minuri (Ħarsien Alternattiv) (Kap. 602).

18. L-ordni għal ħarsien ħarġet fl-1 ta' Frar 2018 fi żmien meta kien japplika l-Kap. 285). L-Artikolu 4 kien jipprovdi:

> *"4. (1) Jekk, wara li jsirulu rappreżentazzjonijiet bil-miktub mid-Direttur tas-Servizzi Soċjali, u wara li jagħti lill-ġenituri u lill-kustodju, jekk ikun hemm, tat-tifel jew taż-żagħżugħ, opportunita li jagħtu l-fehmiet tagħhom, u wara li jisma' lil kull persuna oħra li x'aktarx tista' tgħinu, il-Ministru jkun sodisfatt li dak it-tifel jew żagħżugħ ikun jinħtieġ ħarsien, protezzjoni jew kontroll, ikun id-dmir tal-Ministru b'ordni bil-miktub iffirmat minnu li jieħu lil dak it-tifel jew żagħżugħ taħt il-ħarsien tiegħu.*
>
> *(2) Kopja ta' kull ordni magħmul mill-Ministru taħt is-sub-artikolu (1) ta' dan l-artikolu għandha tintbagħat minnufih b'ittra reġistrata lill-persuna li tkun qed teżercita s-setgħa ta' missier fuq it-tifel jew iż-żagħżugħ, jew lill-kustodju tiegħu, jekk ikun hemm, li jkun mitlub igħid lid-Direttur tas-Servizzi Soċjali fi żmien wieħed u għoxrin jum mid-data li fiha jkun irċieva l-imsemmija ittra, jekk joġġezzjonax għall-imsemmi ordni.*
>
> *(3) Jekk il-persuna li lilha tintbagħat l-ittra reġistrata taħt is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, toġġezzjona, ukoll verbalment, għall-ordni fiż-żmien preskritt fiha, id-Direttur tas-Servizzi Soċjali għandu, mhux iktar tard minn sebat ijiem mid-data li fiha jsir jaf bl-oġġezzjoni, jibgħat il-każ lill-Qorti tal-Minorenni b'dak il-mod li jiġi preskritt b'regolamenti magħmula taħt l-artikolu 13 ta' dan l-Att.*
>
> *(4) Meta każ jintbagħat lill-Qorti tal-Minorenni skond is-sllbartikolu (3) ta' dan l-artikolu, l-imsemmija Qorti għandha, b'dak il-mod u f'dak iż-żmien kif jiġi preskritt b'regolamenti magħmula taħt l-artikolu 13 ta' dan l-Att, tirrevedi l-każ kollu u tiddeċiedi jekk it-tifel jew iż-żagħżugħ ikunx jinħtieġ ħarsien, protezzjoni jew kontroll u għandha skond dan tikkonferma jew tirrevoka l-ordni magħmul taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.*
>
> *(5) Jekk il-Qorti tal-Minorenni tikkonferma li l-ordni saret taħt is-subartikolu (1), il-persuna msemmija fl-imsemmi subartikolu tista', wara erba' xhur wara dik il-konferma, titlob lill-Qorti tal-Minorenni biex tirrevedi l-ordni. Dik it-talba għandha ssir permezz ta' ittra reġistrata lid-Direttur tad-Dipartiment responsabbli għall-Ħarsien*

*Soċjali. Id-Direttur għandu, mhux iżjed tard minn sebat ijiem mid-data tal-wasla ta' dik l-ittra, jirreferi l-każ lill-Qorti tal-Minorenni bl-istess mod hekk kif preskritt taħt l-artikolu 13, b'dan illi dik il-Qorti għandha tiddeċiedi dwar dik ir-referenza fi żmien wieħed u għoxrin ġurnata mindu ssirilha.*

*(6) Ordni magħmul taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandu, kemm-il darba ma jkunx waqaf l-effett tiegħu qabel, jieqaf milli jkollu effett fid-data li fiha t-tifel jew iż-żagħżugħ li dwaru jsir l-ordni jilħaq l-eta ta' tmintax-il sena."*

19. Skont id-Direttorat appellat[5], fis-16 ta' Frar 2018, omm il-minuri, Ellie Briffa, oġġezzjonat skont sub-inċiż (3). Madanakollu, wara li appuntat il-każ għas-smigħ, il-Qorti tal-Minorenni kkonfermat l-ordni. Dejjem skont ma qal id-Direttorat[6] kien dakinhar li r-rikorrenti ppruvaw jidħlu quddiem il-Qorti iżda ma tħallewx għaliex sa dak iż-żmien ir-rikorrent Lineker David Micallef ma kienx rikonoxxut bħala missier u għalhekk ma kellux *locus standi.* Fl-atti m'hemmx prova dwar:

i. Jekk fid-data tal-ħruġ tal-ordni ta' kura u fid-data li nstemgħet l-oġġezzjoni għall-ordni ta' kura, ir-rikorrent Lineker David Micallef kien reġistrat bħala l-missier naturali tat-tifel li twieled fil-11 ta' Ottubru 2017;
ii. Jekk il-missier rikorrent kienx infurmat bl-ordni ta' kura li ħareġ il-Ministru, u fl-affermattiv kienx oġġezzjona minn dik l-ordni u talabx ir-reviżjoni tal-ordni wara erba' xhur mill-konferma tagħha;

[5] Ara t-tweġiba tal-appell a fol. 98A
[6] Ara t-tweġiba tal-appell a fol. 99

20. Fil-15 ta' Frar, 2019 l-Artikolu 4 tal-Kap. 285 inbidel u sar jaqra hekk

*"4.(1) Jekk, wara li jsiru rappreżentazzjonijiet bil-miktub mill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni tal-Awtorità ta Standards ta' Ħarsien Soċjali u wara li jagħti lill-ġenituri u lill-kustodju, jekk ikun hemm, tat-tifel jew taż-żagħżugħ opportunità li jagħtu l-fehmiet tagħhom, u wara li jisma' lil kull persuna oħra li x'aktarx tista' tgħinu, il-Ministru jkun sodisfatt li dak it-tifel jew żagħżugħ ikun jeħtieġ ħarsien, protezzjoni jew kontroll, ikun id-dmir tal-Ministru b'ordni bil-miktub iffirmat minnu li jieħu lil dak it-tifel jew żagħżugħ taħt il-ħarsien tiegħu.*

*(2) Kopja ta' kull ordni magħmul mill-Ministru taħt is-subartikolu (1) għandha tintbagħat minnufih b'ittra reġistrata lill-persuna li tkun qed teżerċita s-setgħa ta' missier fuq it-tifel jew iż-żagħżugħ, jew lill-kustodju tiegħu, jekk ikun hemm, li jkun mitlub jesprimi lill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni tal-Awtorità ta Standards ta' Ħarsien Soċjali fi żmien wieħed u għoxrin jum mid-data li fiha jkun irċieva l-imsemmija ittra, jekk joġġezzjonax għall-imsemmi ordni.*

*(3) Jekk il-persuna li lilha tintbagħat l-ittra reġistrata taħt is-subartikolu (2) toġġezzjona, ukoll verbalment, għall-ordni fiż-żmien preskritt fiha, l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni tal-Awtorità taStandards ta' Ħarsien Soċjali għandu, mhux iktar minn sebat ijiem mid-data li fiha jsir jaf bl-oġġezzjoni, jibgħat il-każ lill-Qorti tal-Minorenni b'dak il-mod li jiġi preskritt b'regolamenti magħmula taħt l-artikolu 13.*

*(4) Meta każ jintbagħat lill-Qorti tal-Minorenni skont is-subartikolu (3), l-imsemmija qorti għandha, b'dak il-mod u f'dakiż-żmien kif jiġi preskritt b'regolamenti magħmula taħt l-artikolu13, tirrevedi l-każ kollu u tiddeċiedi jekk it-tifel jew iż-żagħżugħ ikunx jeħtieġ ħarsien, protezzjoni jew kontroll u għandha skont dan tikkonferma jew tirrevoka l-ordni magħmul taħt is-subartikolu (1).*

*(5) Jekk il-Qorti tal-Minorenni tikkonferma li l-ordni saret taħt is-subartikolu (1), il-persuna msemmija fl-imsemmi subartikolu tista', wara erba' xhur wara dik il-konferma, titlob lill-Qorti tal-Minorenni biex tirrevedi l-ordni. Dik it-talba għandha ssir permezz ta' ittra reġistrata lil-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni tal-Awtorità ta'Standards ta' Ħarsien Soċjali. L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni tal-Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali għandu, mhux iżjed minn sebat ijiem mid-data tal-wasla ta' dik l-ittra, jirreferi l-każ lill-Qorti tal-Minorenni bl-istess mod hekk kif preskritt bir-regolamenti magħmulin taħt l-artikolu 13, b'dan illi dik il-Qorti għandha tiddeċiedi dwar dik ir-referenza fi żmien wieħed u għoxrin ġurnata minn meta saret dik ir-referenza.*

*(6) Ordni magħmul taħt is-subartikolu (1) għandu, kemm-il darba ma jkunx waqaf l-effett tiegħu qabel, jieqaf milli jkollu effett fid-data li fiha*

*t-tifel jew iż-żagħżugħ li dwaru jsir l-ordni jilħaq l-età ta'tmintax-il sena."*

21. Skont id-Direttorat appellat l-ewwel fost ir-rimedji li skontu r-rikorrenti naqsu milli jutilizzaw, kien li wara erba' xhur mill-konferma tal-ordni mill-Qorti tal-Minorenni, jitolbu lill-Qorti tal-Minorenni tirrevedi l-ordni skont l-Artikolu 4(5) tal-Kap. 285.

22. Ir-rikorrenti injoraw subinċiż (5) u jsostnu li seħħ ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom minħabba dak deċiż fis-sentenza Marianne Decelis v. AG (Rik. Kost. 20/2007) mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla (2 ta' April 2009), u li sussegwentement ippronunzjat ruħha dwaru il-QEDB fil-każ M. D. and Others v. Malta (Application no. 64791/10) tas-17 ta' Lulju 2012.

23. F'dak il-każ il-QEDB sabet ksur tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni għaliex:

> *"55. ... there was no remedy granting access to a court for the first applicant or anyone in her position wanting to have the merits of a care order re-examined ...*
>
> *56. ... the Court cannot accept that a review by the social workers who reported to the Minister, who could in turn revoke a care order, would constitute an "impartial and independent tribunal". Furthermore, the legal framework providing for this process did not afford the possibility for the applicants to make such an application, nor has it been shown that any decision in this field would be written and made public in order to provide for the possibility of a judicial review ..."*

24. Fl-istess każ il-QEDB sabet ukoll ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni għaliex:

> *"79. In the Court's view, the automatic application of the measure as well as the lack of access to a court to challenge the deprivation of parental rights at a future date, fail to strike a fair balance between the interests of the children, those of the first applicant and those of society at large. It follows that the measure at issue, in so far as it was automatically applied, perpetual and not subject to any periodic revision or at least to subsequent assessments following a request in that regard, was not "necessary in a democratic society" for the aforesaid aim."*

25. Sussegwentement bl-Att numru XXXIII tal-2014 il-leġislatur inkluda sub-inċiż (5) fl-Artikolu 4 tal-Kap. 285. Dan daħal fis-seħħ fil-15 ta' Ottubru 2014 (A.L. 385 tal-2014).

26. F'dan il-każ l-ordni ta' kura inħareġ fi Frar tal-2018, ferm wara l-emenda li saret bl-Att XXXIII tal-2014. B'hekk m'hemmx dubju li f'dan il-każ, ir-rikorrent seta' jagħmel talba fil-Qorti tal-Minorenni sabiex tirrevedi l-ordni wara erba' xhur mill-konferma tagħha.

27. Ma jirriżultax li r-rikorrent għamel użu minn dik il-proċedura. Min-naħa l-oħra dik il-proċedura ma jidhirx li setgħu jinqdew biha r-rikorrenti l-oħra bħala n-nanniet paterni tal-minuri.

28. L-Ewwel Qorti waqfet hemm u rrifjutat li tkompli tqis l-ilment tar-rikorrenti.[7] Din il-Qorti ma taqbilx mal-pożizzjoni li ħadet l-Ewwel Qorti.

29. Fl-ewwel lok kif rajna r-rikorrenti ilmentaw li meta omm il-minuri oġġezzjonat għall-ordni, ma tħallewx ikunu preżenti fis-seduta li saret fil-Qorti tal-Minorenni. Materja li għandha tiġi mistħarrġa fil-meritu wara li jitressqu l-provi. Dak kien għadu l-istadju ta' oġġezzjoni fir-rigward tal-ordni għal ħarsien maħruġa mill-Ministru.

30. Fit-tieni lok ir-rikorrenti ilmentaw ukoll li sakemm kien hemm fis-seħħ Kap. 285, qatt ma saru *reviews* sabiex jiġi stabbilit pjan għall-futur. F'dan ir-rigward ir-rikorrenti jsostnu li qegħdin jiġu preġudikati fid-dritt għar-rispett tal-ħajja tal-familja. Għalkemm id-Direttorat intimat wieġeb u ta dettalji dwar laqgħat li saru mar-rikorrenti, ma tressqux provi dwar dan l-ilment. L-Art. 4(5) tal-Kap. 258 m'għandu x'jaqsam xejn ma' dan l-ilment tar-rikorrenti. Ma ġiex muri li r-rikorrenti kellhom xi rimedju ordinarju li setgħu jirrikorru għalih taħt il-Kap. 258 għal dan l-ilment jekk dak li allegaw għandu mis-sewwa.

[7] Paġna 29 tas-sentenza

31. L-ordni għal ħarsien baqgħet fis-seħħ u għalhekk wieħed irid jara x'ġara u x'mezzi ta' kontestazzjoni kellhom għad-disposizzjoni tagħhom ir-rikorrenti sakemm fetħu l-kawża fit-18 ta' Frar 2022.

32. Fl-1 ta' Lulju 2020 daħal fis-seħħ l-Att Nru XXIII tal-2019, li *inter alia* ħassar il-Kap. 285 u dan mingħajr preġudizzju għal dak kollu li sar jew naqas milli jsir taħtu (magħruf bħala l-Att tal-2019 dwar il-Protezzjoni tal-Minuri (Ħarsien Alternattiv) ["Kap. 602"]. L-Artikoli 9(2), (3), (4), 15 u 26 sa 30 ta' dak l-Att daħlu f'dati sussegwenti.

33. Dan iwassal għat-<u>tieni rimedju</u> li għalih jirreferi d-Direttorat appellat, ossija dak skont l-Artikolu 13(6) tal-Kap. 602 li jagħti lil kull parti interessata l-fakoltà illi tippreżenta rikors lill-Qorti tal-Minorenni li bih titlob li d-deċiżjoni meħuda mid-Direttur (Protezzjoni Minuri) dwar il-pjan tal-ħarsien tal-minuri tiġi mħassra jew mibdula. Però dik il-proċedura hi b'referenza għal dak li jingħad f'subinċiż (5):

> *"(5) Meta jkun hemm pjan ta' ħarsien u l-kunsens ta' ġenitur ikungħadu meħtieġ għal xi ħaġa meħtieġa biex ma ssirx ħsara sinifikanti għas-saħħa u l-edukazzjoni tal-minuri, u dak il-ġenitur ma jagħtix il-kunsens tiegħu mingħajr raġuni valida, id-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfaljew kull entità li l-Ministru jista' jordna b'avviż fil-Gazzetta jistgħu jaġixxu mingħajr il-kunsens ta' dak il-ġenitur u jieħdu kwalunkwe deċiżjoni fl-aħjar interess tal-minuri".*

34. Din m'hijiex il-kwistjoni li għandha quddiemha l-qorti.

35. Tressqet prova li fl-2022 ġiet imnedija reviżjoni tal-każ skont l-Artikolu 33(6) tal-Kap. 602 sabiex il-Bord ta' Reviżjoni jistabbilixxi jekk il-minuri għandux jingħata permanenza fil-*placement* li jinsab fih jew jekk hemmx possibiltà ta' reintegrazzjoni. F'tali kuntest, id-Direttorat appellat jgħid li huwa ressaq il-pjan tiegħu sabiex il-minuri jibqa' f'kura alternattiva b'aċċess mal-familjari u li preżentement il-każ qiegħed jistenna d-deċiżjoni tal-Bord.

36. Dan iwassal għat-tielet rimedju li rrefera għalih id-Direttorat appellat, ossja dik skont l-artikolu 33(9) tal-Kap. 602 (talba lill-Qorti tal-Minorenni sabiex tirrevedi d-deċiżjoni tal-Bord ladarba din tingħata) li minnha hemm ukoll dritt ta' appell lill-Qorti tal-Appell skont l-Artikolu 66. Però l-Artikolu 33(9) tal-Kap. 602 tħassar bl-Att XI tal-2023.

37. Il-mekkaniżmu li hemm fil-Kap. 602 sabiex ordni ta' ħarsien titħassar tirriżulta mill-Artikolu 22 li jipprovdi hekk:

> *"(1) Ordni għall-protezzjoni għandha tibqa' fis-seħħ sakemm il-minuri jagħlaq l-età ta' tmintax-il sena jew sakemm tiġi revokata mill-Qorti.*
>
> *(2) Il-Qorti tista' tirrevoka xi ordni għall-protezzjoni malli tirċievi rakkomandazzjoni favur dan, kif mogħtija skont l-artikolu 33(5) mill-Bord ta' Reviżjoni jew kif joħroġ minn dispożizzjonijiet oħra ta' dan l-Att."*

38. Oriġinarjament sub-inċiż (2) kien jipprovdi li ordni għall-protezzjoni tista' titneħħa mill-qorti *"....malli tirċievi rakkomandazzjoni*

*favur dan, kif mogħtija skont l-artikolu 33(5) mill-Bord ta' Reviżjoni"*. Però bl-Att XXIII tal-2021 saret l-emenda imsemmija fil-paragrafu preċedenti.

39. Ir-rikorrenti jilmentaw li l-ordni tibqa' fis-seħħ sakemm il-minuri jagħlaq tmintax-il sena jew sakemm l-awtoritajiet ikunu tal-fehma li għandhom jitneħħew. Fil-fehma tagħhom dan il-fatt qiegħed jilledi d-dritt fundamentali protett taħt Art. 8 tal-Konvenzjoni. Ilment li wkoll irid jiġi mistħarreġ fil-meritu, apparti l-fatt li l-intimati ma semmewx disposizzjoni fil-Kap. 602 fejn min għandu interess, eżempju ġenitur, jista' jitlob ir-revoka ta' ordni għall-protezzjoni tal-minuri.

40. L-Artikolu 33, dwar reviżjonijiet, illum jipprovdi illi r-reviżjonijiet perjodiċi tal-pjan ta' ħarsien għandhom isiru mill-anqas darba fis-sena, b'dan li tista' ssir talba b'urġenza mill-ħaddiem soċjali ewlieni, jew tutur jew kuratur tal-minuri, sabiex il-Bord jirrevedi l-każ qabel *".... minħabba li l-minuri ikun qed isofri, jew qiegħed f'periklu li jsofri ħsara sinifikanti fit-tqegħid taħt ħarsien jew bħala riżultat tal-pjan ta' ħarsien"* (l-ewwel proviso tal-Art. 33(1) tal-Kap. 602).

41. Dak li jrid jiġi mistħarreġ hi l-proċedura ta' reviżjonijiet li jsiru taħt Art. 33 tal-Kap. 602 u jekk dik il-proċedura hijiex konformi mal-Art. 8 tal-Konvenzjoni. Eżerċizzju li ovvjament jista' jsir biss f'kawża ta' din ix-xorta peress li r-rikorrenti qegħdin jimpunjaw il-proċedura ta' reviżjonijiet li

hemm fil-liġi. Ovvjament fl-ewwel lok għandhom ikunu r-rikorrenti li jispjegaw fejn fl-Art. 33 tal-Kap. 602 qiegħed jinkiser il-jedd fundamentali protett taħt Art. 8 tal-Konvenzjoni.

42. Ir-raba' u l-aħħar rimedju li fuqha d-Direttorat ibbaża l-eċċezzjoni hu dak kontemplat fl-Art. 66 tal-Kap. 602, ċjoè l-jedd ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell.

43. Għalkemm dan l-artikolu jibda b'dispożizzjoni ġenerika li tgħid illi kull parti fi proċedimenti taħt l-Att li tħoss ruħha aggravata minn deċiżjoni tista' tappella billi tippreżenta rikors quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri), is-subartikolu (5) jkompli hekk:

> *"(5) Il-Qorti tal-Appell tista' tikkonferma jew tirrevoka d-deċiżjoni tal-Qorti, u tista' timponi dawk il-miżuri l-oħra li jidhrilha xieraq u għandha, kif tagħti s-sentenza finali, tibgħat l-atti lura lill-Qorti biex tittratta l-każ skont l-artikoli 22, 23 jew 24, skont il-każ."*

44. Isegwi għalhekk illi l-Qorti tal-Appell tqis appelli mid-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Minorenni. Però li hu rilevanti għall-finijiet tal-ilment tar-rikorrenti fir-rigward tal-Kap. 602 hu:

i. Jekk il-liġi tipprovdix għall-proċedura li biha r-rikorrenti ikunu jistgħu jitolbu r-revoka tal-ordni. L-intimati ma semmewx disposizzjoni fil-liġi li tagħti dik l-opportunità taħt il-Kap. 602. Jekk m'hemmx dik il-possibiltà, irid jiġi

kkunsidrat u deċiż hemmx ksur tal-Art. 8 tal-Konvenzjoni ġialadarba dak hu wieħed mill-ilment tar-rikorrenti; u

ii. Jekk il-proċedura ta' reviżjoni kontemplata fil-Kap. 602 tissalvagwardjax il-jedd fundamentali garantit taħt Art. 8 tal-Konvenzjoni.

45. Fiċ-ċirkostanzi ser tilqa' l-ewwel aggravju safejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq.

<u>It-tieni aggravju</u>.

46. Ir-rikorrenti jilmentaw minn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti ddikjarat illi l-Avukat tal-Istat mhuwiex leġittimu kontradittur għat-talbiet tar-rikorrenti u lliberatu mill-osservanza tal-ġudizzju.

47. Ir-rikorrenti jilmentaw iżda illi b'din il-kawża huma qegħdin jattakkaw il-liġi u jitolbu li jiġi dikjarat li bl-operat tagħha qegħdin jiġu miksura d-drittijiet fondamentali tagħhom u għalhekk kien neċessarju li jħarrku wkoll lill-Avukat tal-Istat.

48. L-Avukat tal-Istat wieġeb iżda li l-ebda liġi ma hi qed tiġi attakkata bil-proċeduri odjerni. Jgħid ukoll li l-lanjanza tal-appellanti hija biss li

m'hemmx rimedju fil-liġi u allura lanqas ma hemm allegazzjoni li r-rimedju fil-liġi huwa ineffettiv.

49. Kuntrarjament għal dak allegat mill-Avukat tal-Istat, allegazzjoni fis-sens illi l-liġi ma tagħtix aċċess għal Qorti mparzjali u ndipendenti trid tiġi ndirizzata minnu. Id-Direttorat appellat ma jirrispondix għan-nuqqasijiet tal-leġislatur.

50. Għalhekk tilqa' t-tieni aggravju.

**Deċiżjoni**

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell tar-rikorrenti sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq u:

1. Filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fejn laqgħet l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' eżawriment tar-rimedju ordinarju (eċċezzjoni numru tlieta) għal dak li jikkonċerna d-dritt tar-rikorrent Lineker David Micallef li jitlob ir-reviżjoni tal-ordni skont l-Art. 4(5) tal-Kap. 285, tvarja s-sentenza appellata u tiċħad l-eċċezzjoni numru tlettax (13) tad-Direttorat intimat għall-kumplament tal-ilmenti tar-rikorrenti.
2. Tvarja dik il-parti tas-sentenza appellata li laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat u minflok tiċħad l-ewwel eċċezzjoni.

Spejjeż relatati mas-sentenza tal-Ewwel Qorti u ta' din is-sentenza huma a karigu tal-intimati.

Tordna li l-atti jintbagħtu lura quddiem l-Ewwel Qorti sabiex tissokta bis-smigħ tal-kawża.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>Aġent President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr